**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Spiteri]**

**vs**

**Jonathan Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 464/17**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 182679M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Settembru 2017 u l-gimghat ta' qabel:

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, cioe' vettura ta' l-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni GLN804, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
2. malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf hekk.
3. bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju minna, saq jew ressaq jew mexxa l-vettura ta' ghamla Opel bi numru ta' registrazzjoni GLN804,

minghajr il-kunsens ta’ sid il-vettura imsemmija jew minghajr xi awtorita legittima.

4. irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Ottubru, 2017 u nnutat li l-imputat Jonathan Attard m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u li l-imputat ghandu bzonn ta’ trattament opportun ghalhekk mhix qed tinfliggi

piena karcerarja u ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u Artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Jonathan Attard hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tpoggih taht Probation Order ghal zmien tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Trattament ghal sena u li qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**